**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2011 — Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-72/06)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Proporzjonalità")***

(2012/C 6/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Groupe Gascogne SA (St. Paul-lès-Dax, Franza) (rappreżentanti: inizjalment C. Lazarus, sussegwentement P. Hubert u E. Durand, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Castillo de la Torre u F. Arbault, sussegwentement F. Castillo de la Torre u N. von Lingen, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali u talba għar-riforma fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Diċembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE (Każ COMP/38.354 — Boroż industrijali), dwar akkordju fuq is-suq tal-boroż industrijali tal-plastik u talba għal riforma tal-imsemmija deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Groupe Gascogne SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 96, 22.04.2006.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2011 — ASPLA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-76/06)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81(1) KE — Skambji ta' informazzjoni individwalizzata — Iffissar tal-prezzijiet u tal-kwoti tal-bejgħ skont iż-żona ġeografika — Tqassim tal-klijenti — Sottomissjonijiet miftiehma għal sejħiet għal offerti — Ksur uniku u kontinwu — Estent tal-aġir issanzjonat — Delimitazzjoni tas-suq ta' prodotti u tas-suq ġeografiku — Linji Gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi — Prinċipji ta' trattament ugwali u ta' proporzjonalità — Ċirkustanzi aggravanti u attenwanti — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ")***

(2012/C 6/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Plasticos Españoles, SA (ASPLA) (Torrelavega, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment E. Garayar Gutiérrez u A. García Castillo, sussegwentement E. Garayar Gutiérrez, M. Troncoso Ferrer u C. Ruixó Claramunt, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Castillo de la Torre, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Plasticos Españoles, SA (ASPLA) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 108, 06.05.2006.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2011 — Álvarez vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-78/06)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Settur tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81(1) KE — Kunċett ta' impriża — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Preżunzjoni tal-innoċenza")***

(2012/C 6/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Armando Álvarez, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment E. Garayar Gutiérrez u A. García Castillo, sussegwentement minn E. Garayar Gutiérrez, M. Troncoso Ferrer u C. Ruixó Claramunt, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: F. Castillo de la Torre, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż industrijali), li tikkonċerna akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastik, kif ukoll, sussidjarjament, talba intiża għat-tnaqqis tal-multa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti.